29 SEP 2020

HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IT-TMINN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 532**

**It-Tnejn 24 t'Awwissu 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Ghislaine Bongailas – Kunsilliera
Joseph Vella – Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Angelo Scicluna - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**532.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

532.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Kaptan Patrick Barbara fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kaptan Patrick Barbara jkun skużat.

532.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Angelo Scicluna fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Angelo Scicluna jkun skużat.

**532.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

532.2.1 Il-minuti tal-531 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

**532.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

532.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin id-Direttorat għall-Implimentazzjoni tal-Proġetti, fid-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura, kien mistenni jibda x-xogħol ta' restawr tal-Monument tal-Gwerra li hemm f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Ix-xogħol ta' restawr kien jinkludi tindif tal-monument, tiswijiet tal-ħsarat kollha fuq il-figuri u patina / polikromija ġdida.

532.3.2 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar il-*posts* li jiġu mtellgħin fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill u żiedet tgħid li min ma jużax midja soċjali ma jkunx aġġornat bix-xogħlijiet li jkunu qed jiġu mwettqa mill-Kunsill. Is-Sinjura Calleja talbet sabiex fin-*notice boards* tal-Kunsill tiġi provduta nformazzjoni dwar il-ħidma tal-Kunsill.

532.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-perit tal-Kunsill kien ħejja l-pjanti sabiex jiġu organizzati l-ispazji ta' parkeġġ fi Triq is-Selq u fi Triq il-Kittien. Is-Sindku ressaq dawn il-pjanti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri ssekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jibgħat dawn il-pjanti għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

532.3.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xogħol ta' restawr tal-funtana li hemm f'Misraħ is-Sliem kien tlesta u talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinxtara tagħmir ta' pompa għall-funtana ta' Misraħ is-Sliem li taħdem permezz ta' sterilizzaturi *UV* kif ukoll sabiex tinbidel il-pjanċa tal-wiċċ peress illi kien qed jidħol l-ilma fejn il-pompi. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-prezz sabiex jinxtara dan it-tagħmir għall-funtana kien jammonta għal €3,163.33 inkluż il-VAT u żied jgħid li din il-pompa kellha sistema sabiex titnaddaf b'mod awtomatiku. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri, il-

Kunsill qabel unanimament li tinxtara din il-pompa għall-prezz ta' €3,163.33 VAT inkluż u li tinbidel il-pjanċa tal-wiċċ.

532.3.5 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill stima sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi din l-istima kienet tammonta għall-prezz ta' €4,947.15 u kienet tinkludi xogħol ta' soffit bil-*gypsum*, *ropelight* bil-*bulkhead*, żebgħa, *wiring* tad-dawl u xiri u nstallazzjoni ta' *spotlights*. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk dan il-prezz kienx jinkludi x-xiri tal-madum tal-art. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li jsir ix-xogħol ta' manutenzjoni fis-sala tal-Kunsill għall-prezz ta' €4,947.15 VAT inkluż.

532.3.6 Fis-6.10 ta' filgħaxija s-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

532.3.7 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mal-organizzazzjoni *Friends of the Earth* ġiet diskussa l-possibiltà li tiġi sottomessa applikazzjoni għall-finanzjament LIFE taħt il-Mitigazzjoni tal-Klima. Il-proġett kien jikkonsisti f'installazzjoni ta' sistemi fotovoltajċi fuq il-bejt taċ-Ċentru Ċiviku. Is-Sindku żied jgħid li dan il-proġett ma kienx ser jinvolvi spejjeż għall-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li flimkien mal-organizzazzjoni *Friends of the Earth* tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-finanzjament LIFE sabiex jiġu nstallati pannelli solari fuq il-bejt tal-binja taċ-Ċentru Ċiviku.

532.3.8 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jinxtraw fanali ornamentali sabiex isebbħu l-isqaqien. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-passat il-Kunsill kien ingħata numru ta' fanali ornamentali b'xejn mill-Korporazzjoni Enemalta u talab lis-Sindku jitlob lill-Korporazzjoni Enemalta biex tipprovdi l-fanali ornamentali mingħajr ebda spejjeż għall-Kunsill. Is-Sindku qal illi dan ma kienx possibbli peress illi l-fanali ornamentali kienu tqassmu kollha. Is-Sindku qal illi dawn il-fanali setgħu jinxtraw permezz tal-*Planning Funds*. Is-Sur Buttigieg talab sabiex il-fanali jinxtraw l-istess bħal dawk li ġew imwaħħla fil-passat biex ikun hemm uniformita'.

532.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu nxtraw maskri protettivi għall-wiċċ biex jintlibsu mill-istaff u mill-Kunsillieri matul attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku żied jgħid li dawn il-maskri kienu ser ikunu bil-*logo* tal-Kunsill. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet x'kulur kienu ser ikunu dawn il-maskri. Is-Sindku qal illi kienu ser ikunu ta' kulur abjad. Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-materjal tal-maskra kienx jista' jinħasel. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

532.3.10 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li fil-ġimgħat li ġejjin mistennija jibdew il-preparamenti sabiex isir xogħol ta' tisbiħ tal-isqaqien ta' wara l-knisja u ta' Sqaq Lajri permezz tal-*Planning Funds* disponibbli tal-Kunsill kif kien approvat mill-Kunsill fil-laqgħat preċedenti.

532.3.11 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni li kienet ħarġet tal-*Mobility Week* u qal li kien ser isir studju sabiex il-Kunsill ikun jista' jibbenefika mill-fondi li jkun hemm disponibbli. Is-Sindku żied jgħid li s-sena l-oħra l-Kunsill rebaħ il-proġett tal-Mobility Week u kien ser jingħata l-allokazzjoni ta' €50,000 sabiex jimplimenta l-proġett mad-dawra tal-iskola. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-jiem li ġejjin kienet ser toħroġ is-sejħa għall-offerti sabiex issir żona pedonali mad-dawra tal-iskola.

**532.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

532.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**532.5 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - Skala 13**

532.5.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien hemm tibdil fil-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13) peress illi s-Sur Angelo Scicluna kien indispost. Is-Sindku qal illi s-Sur Joseph Agius kien serva bħala membru fil-Bord tal-Intervisti għall-Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13) minflok is-Sur Angelo Scicluna. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienu applikaw żewġ kandidati iżda wieħed minnhom ma kienx eleġibbli u l-kandidata l-oħra, matul l-intervista, infurmat lill-bord illi kienet sabet xogħol ieħor u ma kinitx interessata taħdem bħala *full timer* mal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li terġa' tinħareġ sejħa għall-Ingaġġ ta' Uffiċċjal Eżekuttiv - (Skala 13). Is-Segretarju Eżekuttiv talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex l-avviż jidher fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-avviż jidher fuq il-paġna uffiċjali tal-Kunsill fuq il-midja soċjali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li l-Bord ta' Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13) ikun kompost mis-Sindku, mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, mis-Sur Angelo Scicluna u mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Sindku qal illi f'każ li jkun hemm xi ħadd mill-membri tal-bord li jkun indispost, is-Sur Joseph Agius kien ser jintalab iservi fil-Bord bħala sostitut. Is-Sur Joseph Agius talab li qabel isiru l-intervisti jiġu evalwati l-applikazzjonijiet u jsir *short listing* tal-applikanti.

**532.6 Għażla tal-Bord għall-Ingaġġ ta' Bibljotekarju fil-Librerija**

532.6.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li l-librara tal-Kunsill kienet ser tittermina s-servizz tagħha bħala librara u żied jgħid li kien inħareġ l-avviż għall-espressjoni t'interess għas-servizz ta' Bibljotekarju fil-Librerija Lokali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Bord tal-Intervisti għall-espressjoni t'interess għas-servizz ta' librar/a. Dan il-Bord għandu jkun kompost mis-Sindku, mis-Segretarju

Eżekuttiv, mill-Kunsillier is-Sur Mark Grech u minn rappreżentant tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi.

**532.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

532.7.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Lulju 2020 u t-24 t'Awwissu 2020 li kienet tammonta għal €45,037.89.

532.7.2 Fis-6.30 ta' filgħaxija s-Sur Joseph Vella daħal għal-laqgħa.

**532.8 Aġġudikazzjoni tal-Offerti**

- Servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 1/2020R)

532.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi kien hemm sitt offerti għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani (ZLC 1/2020R) u ġew evalwati mill-Kumitat tal-Evalwazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni għall-Offerti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi din is-sejħa kienet inħarġet fuq bażi tal-aqwa prezz tal-kwalità (BPQR) u l-Kumitat ta' Evalwazzjoni rrakkomanda li l-Kunsill jagħżel l-aktar offerta vantaġġjuża u teknikament valida li kienet mingħand is-Sur Owen Borg għall-prezz ta' €375,035.20 eskluż il-VAT. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni u talab li jitkompla l-proċess sabiex din id-deċiżjoni tiġi komunikata lill-offerenti nvoluti permezz tal-*Electronic Public Procurement System*.

532.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' restawr fuq l-istatwa ta' Ġesù Redentur u n-niċċa ta' San Ġużepp (ZLC 3/2020) kien għadu ma tlestiex.

532.8.3 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jinxtara l-vann b'*direct order*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-deċiżjoni tal-Kunsill setgħet tiġi appellata quddiem il-Qorti tal-Appell u għalhekk qabel issir it-talba lid-Dipartiment, il-Kunsill irid jistenna jekk ikunx hemm xi appell minn xi operatur.

- Offerta għal-Xogħlijiet Ċivili u Installazzjoni ta' Tagħmir Anċillarju għal Superblock pedonali fiż-żona tal-Iskola f'Ħaż-Żabbar (ZBR 4/2020)

532.8.4 Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għal Xogħlijiet Ċivili u Installazzjoni ta' Tagħmir Anċillarju għal *Superblock* pedonali fiż-żona tal-Iskola f'Ħaż-Żabbar u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost

mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mil-Perit Matthew Briffa.

**532.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

532.9.1 Il-Viċi Sindku qalet li kien jeħtieġ li tinstab soluzzjoni dwar l-ammont ta' skart li kien qed jinħareġ minkejja li tneħħew l-iskips fi Triq iċ-Ċimiterju. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-Indafa, kienet ser issir laqgħa ma' uħud mir-residenti ta' Triq iċ-Ċimiterju iżda din kellha tiġi posposta. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi pjan sabiex din il-problema tiġi solvuta. Is-Sindku qal illi l-problema ġejja minħabba li hemm blokka ta' flats kbira li suppost bil-liġi għandhom kamra fejn iħallu l-iskart iżda minflok l-iskart kien qed jitħalla barra. Is-Sindku qal illi xi wħud mir-residenti kienu issuġġerew *hangers* tal-ħadid sabiex jiddendlu l-boroż tal-iskart.

532.9.2 Is-Sur Joseph Vella talab li jsir *traffic management* fi Triq il-Qaqoċċ minħabba li qed ikun hemm konġestjoni tat-traffiku.

532.9.3 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas reġgħet semmiet il-ħtieġa li jinżebgħu s-sinjali sofor fil-kantuniera ta' Triq il-Qaqoċċ ma' Triq Renato Agius Muscat.

532.9.4 Il-Viċi Sindku qalet li l-konġestjoni tat-traffiku tissolva jekk issir esproprjazzjoni tal-art li hemm fi Triq il-Qaqoċċ ma' Triq Renato Agius Muscat.

532.9.5 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas issuġġeriet li Triq il-Qaqoċċ issir *one way*.

532.9.6 Is-Sur Joseph Vella semma l-ħtieġa li ssir il-bankina quddiem binja ġdida fi Triq il-Qaqoċċ. Is-Sindku qal illi l-iżviluppatur ta' dik il-binja kien responsabbli mix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bankina.

532.9.7 Is-Sur Joseph Vella reġa' semma l-ħtieġa li ssir *zebra crossing* fi Triq Bormla maġenb il-grawnd ta' St Patrick FC.

532.9.8 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas qalet illi kienet ressqet ilment dwar persuna li qed toħroġ l-iskart mhux skont l-iskeda u s-Segretarju Eżekuttiv kienet infurmata li l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn ħlief li jibgħat ittri ta' nformazzjoni lir-residenti dwar meta għandu jinħareġ l-iskart. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li meta l-Kunsill iressaq ilment ta' dan it-tip lill-Awtoritajiet konċernati, il-Pulizija titlob li jkun hemm xhud li lest jitla' il-Qorti u jixhed kontra l-persuna nvoluta. Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin il-Kunsill kien ser jagħmel laqgħa mal-Pulizija u kien ser jiddiskuti dwar il-problemi li hemm fil-lokalità.

532.9.9 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jistaqsi jekk il-Kunsill jistax jorganizza marċi matul il-ġranet tal-festa bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet lokali. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u żied jgħid

li minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID 19 l-attivitajiet tal-festa ġew ikkanċellati mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika.

532.9.10 Is-Sur Joseph Agius qal illi kienu għaddew vetturi kbar minn Triq Santa Duminka u kienu tgħawwġu xi tabelli.

532.9.11 Is-Sur Joseph Agius qal li xi ħadd kien ivvandalizza bandla li hemm fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi din il-bandla diġa ġiet irranġata. Is-Sur Agius qal illi min għamel ir-rapport kien ipprovda l-ħin ta' meta nkissret din il-bandla u talab lill-Kunsill jipprovdi l-filmat tac-CCTV cameras li hemm fi Ġnien il-Kunsill lill-Pulizija. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv qalu li ħadd ma kien infurmhom bil-ħin li sar l-att vandalu. Is-Sindku talab lis-Sur Agius sabiex jipprovdi l-ħin f'każ li kellu din l-informazzjoni. Is-Sur Agius żied jgħid li fil-bandli kienu qed jintefgħu klikka żgħażagħ li kienu qed jivvandalizzaw il-bandli u talab sabiex il-Pulizija jagħmlu ronda fi Ġnien il-Kunsill aktar ta' spiss. Is-Sindku qal illi kien ser jitlob lill-Pulizija jagħmlu iktar infurzar fi Ġnien il-Kunsill.

532.9.12 Is-Sur Joseph Agius qal illi xi bdiewa kienu nfurmawh li ma kienx qed isir biżżejjed tisqija fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi Ġnien il-Kunsill kien jissaqqa darba iva u darba le permezz tas-sistema ta' irrigazzjoni. Is-Sur Agius żied jgħid li vera meta kien niżel flimkien mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv kien jidher li dakinhar kienet saret it-tisqija iżda minkejja dan huwa talab li l-Kunsill iqabbad esperti sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat jekk is-siġar tal-bandli hux qed jieħdu t-tisqija neċessarja. Is-Sindku qal illi tant saret tisqija li l-ġibjun li hemm taħt l-art kien tbattal. Is-Sindku semma l-ħtieġa li titkabbar l-bokka tal-ġibjun peress illi kienet żgħira u minħabba f'hekk il-ġibjun ma setax jitnaddaf. Is-Sindku semma l-ħtieġa wkoll li jiġi rranġat il-*culvert* tal-ilma li hemm fi Triq l-Iskola sabiex jinġabar iktar ilma tax-xita mit-triq.

532.9.13 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-pompa tal-funtana ġietx irranġata. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u nforma lill-Kunsill li pompa minnhom ma bdietx taħdem iżda meta ġie l-kuntrattur isewwi l-pompa, il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żewġ pompi ma kienux qed jaħdmu. Għalhekk is-Sindku qal li l-Kunsill kien ser iqabbad kuntrattur ieħor sabiex jiċċekkja l-pompi. Barra minnhekk is-Sindku qal illi sadanittant il-Kunsill kien ser jiżbogħ l-art tal-funtana.

532.9.14 Is-Sur Joseph Agius qal illi x-xogħol fi Trejqet Wied ta' Mazza kien waqaf. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħlijiet mistennija jitkomplu wara x-*shutdown*. Is-Sindku żied jgħid li sabiex jitnaqqsu t-trabijiet mit-triq il-Kunsill kien provda *bowsers* tal-ilma. Is-Sur Joseph Agius qal illi kienet saret ħsara fil-ġibjun bil-makkinarju. Is-Sindku talab lis-Sur Agius jinfurmah għal liema ġibjun kien qed jirreferi ħalli jkun jista' jgħaddi l-ilment lill-Inġinier tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

532.9.15 Is-Sur Joseph Agius semma wkoll il-ħtieġa li jiġu rranġati il-ħofor li hemm fi Trejqet Wied ta' Mazza fil-parti tan-naħa ta' ġewwa tat-triq.

532.9.16 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-Kunsill setax jorganizza attività flimkien mal-Għaqda Pellegrinagg Muturi u Roti. Is-Sindku informa lis-Sur Joseph Agius li l-attivitajiet inkluż il-pellegrinaġġi kienu tħassru mis-Superintendent tas-Saħħa Pubblika. Is-Sur Agius qal illi kien qed isaqsi għall-futur. Is-Sindku qal illi meta tgħaddi l-pandemija, dwar il-COVID-19, flimkien mal-Kunsillier Joseph Vella kien ser isejjaħ laqgħa mal-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti.

532.9.17 Is-Sur Joseph Agius irrefera għall-korrispondenza li kienet intbgħatet għall-istedina fil-programm 'Illum ma Steph' u ssuġerixxa sabiex is-Sindku jattendi għal dan il-programm. Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li kien ser jattendi.

532.9.18 Is-Sinjura Anna Calleja rringrazzjat lill-Kunsill għall-fjuri li kienu ntbgħatu fil-funeral tal-għażiża ommha u rringrazzjat b'mod speċjali lil kull min attenda għall-funeral.

532.9.19 Is-Sinjura Anna Calleja qalet li t-tabelli tan-*no heavy vehicles* fi Triq Santa Duminka ma kienux biżżejjed peress illi l-vetturi l-kbar xorta waħda kienu qed jgħaddu minn din it-triq. Is-Sindku qal illi kien qed isir infurzar lokali u li kienu nħarġu diversi multi f'din it-triq. Is-Sindku żied jgħid li bħalissa l-LESA kienet għaddejja bil-proċess sabiex tiġi nstallata *CCTV camera* fi Triq Santa Duminka. Is-Sindku nforma lill-Kunsillieri preżenti li fil-jiem li ġejjin kien ser ikollu laqgħa mal-Onorevoli Ian Borg, il-Ministru responsabbli mit-Trasport Pubbliku, Infrastruttura u Proġetti Kapitali dwar l-esproprjazzjoni ta' Triq Bieb is-Sultan.

532.9.20 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li titnaddaf Triq il-Kapuċċini l-parti d-dejqa peress illi kien hemm ħafna ħmieġ u skart.

532.9.21 Is-Sur Joseph Agius qal illi xogħol il-*contracts manager* kien li jdur it-toroq u jara li l-kuntratturi jkunu qed jobbligaw id-dmirijiet skont il-kuntratt. Is-Sur Buttigieg qal li l-*contracts manager* ma kienx qed javża lill-kuntratturi dwar dawn in-nuqqasijiet.

532.9.22 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa lis-Sindku meta kienu ser jiltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiddiskutu dwar iz-*zebra crossing* fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għaddej b'diversi proġetti flimkien mal-Perit.

532.9.23 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa sabiex tiċkien id-dawra tal-Monument tal-Gwerra ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi peress illi kien qed jinħoloq konġestjoni tat-traffiku kull meta tieqaf il-karozza tal-linja

532.9.24 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa li jsir ir-*rain water culvert* f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam minħabba l-problema tal-għargħar.

532.9.25 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi jekk issir esproprjazzjoni ta' Triq Bieb is-Sultan il-Kunsill ikun solva problema kbira ta' traffiku.

**532.10 Mozzjonijiet**

532.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**532.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

532.11.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 28 ta' Settembru, 2020 fis-6.00 ta' filgħaxija.

532.11.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.05 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-534 laqgħa li saret nhar it- Tnejn, 28 ta' Settembru, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku